MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1028/2001/1

**Blye Engineering Ltd.**

**vs**

**Emmanuel Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru 2001 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira (Lm345) rapprezentanti bilanc (vide 'statement of account' esebit Dok A) minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' « airconditioner » mibjugh lill-konvenut u installat skond l-'acknowledgement of order' tal-15 ta' Settembru, 1999 (hawn esebita bhala Dok B).**
**Ra r-risposta tal-konvenut Emmanuel Muscatipprezentata fis-16 ta' Ottubru, 2001 fejn gie eccepit :**

**1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a) u ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2. Illi fit-tieni lok u minghar pregudizzju ghas-sueccepit l-airconditioner mibjugh u nstallat kien wiehed difettuz u inoltre mhuwiex tal-kwalita' jew natura pattwita ;**
**3. Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-airconditioner mibjugh u installat huwa wiehed li ma' jistax' jaqdi l-funzjonijiet u htigijiet ta' l-eccipjent;**
**4. Illi l-konvenut ripetutament talab lill-attur jiehu lura l-istess airconditioner u jirrifondilu d-depozitu, izda l-attur naqas milli jaghmel dan;**
**5. Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Ray Mallia, Victor Cassar, Joseph Bonello, Emanuel Muscat, Censina Muscat, Emanuel Briffa. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra r-rapport tal-perit tekniku nnominat mit-Tribunal l-Inginier Charles Cuschieri.**
**Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghal bilanc ta' prezz ta' airconditioner li nxtara fil-15 ta' Settembru 1999. Il-konvenut qed jeccepixxi fl-ewwel lok illi l-azzjoni hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kap 16, cioe' illi d-dritt ghall-azzjoni taqa' bl-eghluq it-tmintax-il xahar.**
**2. Illi fir-rigward tal-preskrizzjoni jirrizulta illi l-airconditioner kien inxtara fil-15 ta' Settembru 1999 u kien gie nstallat dakinhar stess. Jidher illi skond id-Dok A esebit kien sar il-pagament ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350) fil-21 ta' Marzu, 2000 u dana gie konfermat ukoll minn Ray Mallia ghas-socjeta' attrici, u mill-istess konvenut Emmanuel Muscat. Ghalhekk il-kawza nfethet meta kien ghadu ma skadiex it-terminu preskrittiv u konsegwentement mhix qed tigi akkolta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**

**3. Gie eccepit ukoll illi l-imsemmi airconditioner kien difettuz u mhux tal-kwalita' pattwita. F'dan ir-rigward it-Tribunal innota illi mix-xhieda ta' Ray Mallia jirrizulta illi qabel ma twahhal l-airconditioner dan kien mar u ghamel spezzjoni tal-post. Jirrizulta li l-airconditioner gie mwahhal fi grocery u dana hdejn il-bieb ta' barra, u hdejn is-saqaf. Peress illi kien hemm il-bieb Mallia qal illi jaqbel illi wiehed *aircurtian* Faccata ta' dan il-bieb ta' barra fit-tarf l-iehor tal-kamra hemm freezers. Skond l-attur Ray Mallia dawna jipproducu s-shana. Jirrizulta illi l-airconditioning unit li setgha jitpogga fuq single fase kien ta' 3600 btu u units akbar jehtiegu three fase. Ray Mallia jghid li spjega kif kienu l-affarijiet lill-konvenut.**

**4. Jirrizulta illi l-konvenut ilmenta li l-airconditioning unit ma kienx qed ikessah bizzejjed. Jirrizulta illi s-socjeta' attrici baghtet lit-technician taghha Joseph Bonello sabiex jiccekkja l-unit u ma sabet xejn hazin. L-istess socjeta' sussegwentement baghtet foreman taghha Victor Cassar u dan ma sab xejn hazin.**

**5. Fil-fatt l-istess Victor Cassar xehed illi wahhlu termometru u sabu li t-temperatura ta' 22 sa 23 grad u cioe' kif suppost. Joseph Bonello wkoll ikkonferma dak li qal Cassar.**

**6. Il-konvenut Muscat insista li ma kienx sodisfatt bl-airconditioner u li ghalhekk ma hallasx. Skond l-istess konvenut meta hallewh mixghul filghaxija, ma sabux differenza filghodu. Skond l-istess konvenut kien ukoll taw il-gas lill-airconditioner li baqa' l-istess u anke ghamel l-*aircurtian* u wkoll baqa' l-istess.**

**7. Censina Muscat mart il-konvenut tikkonferma dak li qed ighid il-konvenut. Hi tghid illi l-bieb tal-hanut ta' l-injam bil-hgieg dak iz-zmien kienet thallieh miftuh. Pero' skond hi l-airconditioner kien bla sahha.**

**8. Emanuel Briffa li jigi silef il-konvenut jiftakar li kien tpogga termometru mis-socjeta' attrici u wara kien gie certu Bonello, ghas-socjeta' attrici, li ccekkja l-gass ta' l-airconditioner. Skond dan ix-xhud wara li Bonello ghamel dak li kien hemm bzonn dana qallu l-**

**gass qieghed tajjeb. Ix-xhud ighid illi b'dana kollu l-airconditioner xorta ma kessahx.**

**9. Jirrizulta wkoll illi fin-negozju in kwistjoni hemm xkaffar u dana kif jirrizulta mir-ritratti esebiti Dok CM 1 sa CM 5. Saru allegazzjonijiet dwar li setgha kien hemm xi materjal li kien quddiem l-airconditioner fuq cubicle sottostanti li setgha ostakola l-funzjonament ta' l-airconditioner.**

**10. Skond il-Perit Tekniku li prezenta l-ispezzjoni tieghu Dok A bid-dettalji dwar l-imsemmi unit jirrizulta s-segwenti: (a) illi l-air-supply grill giet imkejla u fiha 1.5m x 0.2m fuq zewg nahat, faccata u taht il-unit. (b) Il-kompressur huwa nstallat zewg sulari 'l fuq minn fejn hemm l-indoor unit cioe' mill-hanut. Il-posizzjoni tal-unit kien skond kif kien miftiehem bejn il-partijiet. Gie nnutat li taht il-unit kien hemm cupboard cioe' qisha kamra zghira li s-saqaf taghha qieghed circa 0.4m taht il-livell tal-unit. <u>Fuq din il-kamretta kien hemm xi affarijiet li kienu ftit jew wisq itellfu mill-air flow lejn ir-return tal-unit. F'genb minnhom hemm xkaffar li huwa gholi sas-saqaf u parti minnu jigi quddiem il-unit li jtellef mill-air flow lejn il-kumplament tal-hanut.</u> Il-unit qieghed imqabbad mas-single phase suplí li hemm fil-hanut. Il-hanut illum ghadu fuq is-single phase electrical suplí. (c) Equipment li hemm installati fil-hanut huma - 2 bench freezers, 1 counter display unit ta' circa 2.5m, 1 upstand freezer.**

**Il-Perit Tekniku kompla ghamel dawn l-osservazzjonijiet addizzjonali: (i). Hemm imwahhal ma xkaffa f'nofs il-hanut termometru li llum m'ghadux jahdem. (ii). Ic-cheese counter qieghed il-parti ta' gewwa nett tal-hanut faccata tal-bieb u ghandu display unit bil-kompressur go fih. (iii). L-ixkaffar huwa gholi sas-saqaf iz-zewg nahat tal-hanut. (iv). Il-hanut kien ezatt kif inhu llum meta kien sar is-sizing minn Blye Engineering. (v). Fuq il-biex hemm installata air curtain li kienet giet installata fuq suggeriment tas-socjeta' attrici. (vi) Gie imkejjel l-electrical load tal-hanut fl-airconditioner jahdem u dan kien ta' (a) 7 Amps minghajr aircondition, (b) 20 Amps inkluz aircondition jahdem.**

**11. Skond il-Perit Tekniku l-hanut fih wisa' 3.8m u fond ta' 9.7m. Il-Perit Tekniku jghid hekk: "meta hadt il-heat load fil-hanut il-cooling capacity ta' 3600 hi bizzejjed biex izzomm it-temperatura fil-hanut." L-istess perit innota li peress li l-unit huwa stallat fil-gemb tal-hanut, il-flow ta' l-arja "one sided" u dana apparti l-ixkaffar li jtellef fil-flow.**
**12. Dwar li min ikun hdejn ic-cheese counter ma jhossx l-airconditioner, il-perit tekniku rrileva li l-flow ta' l-airconditioner *drops off* circa 4.2m mill-airconditioner u ghalhekk ma twallasx ghal min ikun qieghed wara c-cheese counter. Il-Perit innota illi t-temperatura tal-hanut tibred pero' ikun hemm tempreture gradient. Innota illi l-apparat illi jaghmel is-shana qieghed hdejn il-counter fejn ghandek anqas flow ta' l-arja. Il-Perit innota li l-unit jahdem tajjeb u kif suppost u l-cooling capacity tieghu hi sufficcjenti pero' hemm bzonn ta' xi haga li timbotta l-arja ghal gol-hanut in vista ta' l-ostakoli u l-ixkaffar li hemm.**
**13. In vista ta' dak li ntqal specjalment in vista tar-rapport tal-Perit Tekniku, t-Tribunal isib illi l-airconditioner ma ghandu ebda hsara u huwa adekwat ghal lok li fih gie nstallat. Konsegwentement ma ghandhomx jigu akkolti l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut. Ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici hija gustifikata.**
**14. L-ammont li huwa dovut jirrizulta mid-Dok A u B esebiti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a) u 2148 (b) tal-Ligijiet ta' Malta, qed isib it-talba attrici gustifikata u qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin u erbghin lira Maltija (Lm345.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-espert tekniku ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------